GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT
IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦAL-LITTERIŻMU DIĠITALI U ĦILIET TRANSVERSALI

**ĊIRKULARI**

**Data:** **2 ta' Mejju 2022** **Ref: DDLTS 13/2022**

**Għal:** **Kapijiet tal-Iskejjel (tal-Istat, Indipendenti u tal-Knisja), Child Care Centres u Sezzjonijiet**

**Minn:** **Servizz ta' Appoġġ Nazzjonali tal-eTwinning**

**Suġġett:** **Applikazzjoni għal Labels ta' Kwalita' Nazzjonali tal-eTwinning 2021-22**

---

**Labels ta' Kwalita' Nazzjonali**
L-għalliema li pparteċipaw fi proġetti tal-eTwinning matul is-sena skolastika 2021-2022 huma mistiedna japplikaw għal eTwinning **Label ta' Kwalita' Nazzjonali** billi jidħlu fl-*eTwinning Live* tagħhom u jaċċessaw l-applikazzjoni onlajn mill-paġna tal-*Proġetti*.
Aktar dettalji hawn.

**Aktar Tagħrif**
Aktar dettalji dwar kif tapplika, il-kriterji ta ' evalwazzjoni, il-kategoriji u informazzjoni oħra jinstabu fuq il-websajt lokali tal-eTwinning – www.etwinningmalta.net Żur il-paġna ewlenija jew aċċessa il-ħolqa diretta hawn. Tista' ssib ukoll xi recordings fit-taqsima webinars taħt Riżorsi.

Minn Mejju 2022, il-pjattaformi edukattivi Ewropej se jgħaddu minn tiġdid sostanzjali, li se jirriżulta fil-Pjattaforma Ewropea unika integrata: **European School Education Platform**.. Fuq din il-pjattaforma l-ġdida, tkun tista' tesplora l-kontenut u s-servizzi edukattivi favoriti kollha tiegħek f'post wieħed.
eTwinners mhux se jkunu jistgħu jużaw *il-login* tal-eTwinning biex jaċċessaw din il-pjattaforma. Minflok, se tintuża l-EU Login. Biex tkun żgur li inti lest għal din il-bidla, infakkrukom biex toħloq dan il-login billi ssegwi l-istruzzjonijiet misjuba hawn.

**Importanti!**
Meta jinħoloq EU Login gdid, huwa importanti ħafna li jintuża **l-istess indirizz elettroniku** bħal dak użat fl-eTwinning biex tkun tista' ssir il-migrazzjoni ta' data reċenti. Dan jippermetti s-sinkronizzazzjoni tal-kont. Jekk diġà għandek EU Login nirrakkomandaw li teditja l-indirizz elettroniku biex taqbel jew mill-kont tal-eTwinning tiegħek jew mill-kont tal-UE tiegħek.

- Fl-eTwinning dan jista' jsir minn ***Edit my account*** fl-eTwinning Live.
- Fil-pjattaforma tal-UE żur il-paġna ***Configure your account***

Għal din ir-raġuni, id-data biex tapplika għat-Tikketta tal-Kwalità Nazzjonali se tkun sa: **Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju 2022**

Se tiġi nnotifikat permezz ta' email iġġenerata mis-sistema matul il-vaganzi tas-sajf jekk il-proġett tiegħek ikun ingħata ċ-ċertifikat tal-kwalità nazzjonali.

**eTwinning National Awards**
Proġetti ta' kwalita' jistgħu jkunu eliġibbli ukoll għall-għoti tal-premjijiet nazzjonali tal-eTwinning li jsiru matul iċ-ċerimonja tal-eTwinning Awards 2021-22.
Għal aktar dettalji jew mistoqsijiet ibgħat email lil: ***etwinning@ilearn.edu.mt*** jew ikkuntattjana fuq 2598 1568

**Is-Sur Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**